

**POŻIZZJONI VAKANTI**

# Uffiċjal tal-Komunikazzjoni

Unità: Uffiċċju tad-Direttur
Referenza: ECDC/FGIV/2020/DIR-CO

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

## Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg ser jirrapporta għand il-Kap tat-Taqsima tal-Komunikazzjoni u l-Kelliem.

Id-detentur tal-impjieg se jappoġġja l-attivitajiet wesgħin ta' komunikazzjoni tal-ECDC, li jistgħu jinkludu ħidma fi kwalunkwe qasam ta' komunikazzjoni interna, esterna u ta' riskju. Il-kompiti jistgħu jinkludu kontribuzzjoni għal qasam wieħed jew aktar mill-oqsma ta' ħidma li ġejjin:

- L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politika ta' komunikazzjoni u l-pjanijiet ta' komunikazzjoni tal-ECDC;
- L-ippjanar, l-editjar u l-produzzjoni ta' kontenut għal varjetà ta' kanali tal-komunikazzjoni interni u esterni (intranet, portal tal-web, midja soċjali, bulettini, laqgħat wiċċ imb wiċċ u virtwali);
- Pariri dwar il-komunikazzjoni u appoġġ, inkluż dwar il-komunikazzjoni tal-outputs xjentifiċi, il-kampanji tas-saħħa pubblika u l-komunikazzjoni tar-riskju;
- Outreach u impenn tal-partijiet ikkonċernati u tan-networks,
- L-organizzazzjoni ta' avvenimenti u kampanji fiżiċi u diġitali,
- Ħidma tal-midja proattiva tal-ECDC, inkluż il-monitoraġġ u l-analiżi tal-midja tradizzjonali u soċjali;
- Il-ġestjoni tal-proġett ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni speċifiċi inkluża għajnuna fl-akkwist;
- Attivitajiet oħra assenjati lit-tim tal-Komunikazzjoni u kwalunkwe kompitu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu jew tagħha kif mitlub.

# Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

## A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin attestati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena [1];
- Għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek[2];
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet kollha tiegħek bħala ċittadin/a[3];
- Li tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodifa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament kapaċi li twettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

## B. Kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga, identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza/għarfien professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

### Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas 3 snin, wara l-għoti tad-diploma, ta' esperjenza professjonali miksuba fil-pożizzjonijiet rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg, preferibbilment inkluż esperjenza fil-qasam tal-komunikazzjoni tas-saħħa jew fil-kuntest tal-UE;
- Esperjenza prattika b'saħħitha fil-komunikazzjoni f'organizzazzjoni kbira;
- Aptitudni b'saħħitha u fehim tal-aspetti tal-komunikazzjoni tal-impenn tal-partijiet ikkonċernati (udjenzi interni u esterni);
- Esperjenza fl-implimentazzjoni ta' politiki ta' komunikazzjoni esterni u/jew interni;
- Esperjenza u ħiliet tajbin fil-ġestjoni tal-proġetti;
- Esperjenza ta' xogħol minn ambjent internazzjonali/multikulturali;
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

1Ser jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.
2 Kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew li l-Ingliż mhuwiex il-lingwa materna tagħhom għandhom jipprovdu prova tal-livell tagħhom fit-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew ogħla).
3 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

### Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Ħila li tissintesizza informazzjoni organizzazzjonali u xjentifika kumplessa u li tikkonvertiha f'lingwa li tinftiehem għall-persunal tal-ECDC u l-partijiet ikkonċernati esterni;
- Ħiliet ta' komunikazzjoni eċċellenti kemm orali kif ukoll bil-miktub flimkien mal-abbiltà li timpenja u timmotiva;
- Ħiliet interpersonali eċċellenti u kapaċità ta' ħidma f'tim;
- Approċċ b'saħħtu orjentat lejn is-servizz u fokus fuq it-twassil ta' xogħol ta' kwalità tajba.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

# Opportunitajiet Indaqs

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u jħeġġeġ l-applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabbiltajiet.

# Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel se jiġi reklutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-**Grupp ta' Funzjonijiet IV**.

L-applikanti għandhom jinnotaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

# Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u tintuża għar-reklutaġġ, jekk ikun hemm pożizzjonijiet vakanti simili, inklużi dawk b'perjodu iqsar ta' kuntratt minħabba finanzjament limitat biż-żmien. Din ser tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

# Proċedura tal-applikazzjoni

**Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.**

**Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, għandek timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tiġi sottomessa fil-format Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż[4]. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala invalidi.**

**Il-formola tal-applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:**

**https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess ta' reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

4 Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa ta' ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.